A.L. 17 ta' l-1987

ATT TA' L-1987 DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(ATT NRU. X TA' L-1987)
Ordni ta' l-1987 dwar l-Ogħla Dħul Pensjonabbli

Data ta' bidu fis-seħħ: 1 ta' Jannar, 1987

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija fil-paragrafu (3) ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Ministru tax-Xogħol u Servizzi Soċjali, bi ftehim mad-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana, għamel l-ordni li ġej:

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1987 dwar l-Ogħla Dħul Pensjonabbli. Titolu.

2. Għall-finijiet ta' l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali, u għall-finijiet kollha ta' l-imsemmi Att, id-dħul pensjonabbli ma għandu f'ebda każ ikun iżjed minn sitt elef seba' mija u ħamsin Lira Maltija (Lm6,750) kull sena. L-ogħla dħul pensjonabbli.

3. L-Ordni ta' l-1981 dwar l-Ogħla Dħul Pensjonabbli qiegħed b'dan jiġi revokat. Jirrevoka A.L. 101 ta' l-1981.